# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Marzu,2002**

**Numru 2**

**Avviz. numru 1668/00mm**

**Gregory Schembri ghan-nom u fl-interess ta' Siggiewi Construction Company Limited**

**vs**

**Anthony Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur nomine fil-11 ta' Dicembru 2000 fejn talab lil din il-Qorti li tiddikjara u tiddeciedi li c-Cedola ta' Depozitu numru 1438/1993 ipprezentata mill-konvenut fil-konfront ta' l-istanti kienet zbaljata u ma setghetx tilhaq l-iskop taghha ghall-fini ta' fidi ta'cens sakemm il-konvenut ikkoregiha b'nota tal-25 ta' Frar 2000, u konsegwentement ic-cens ta' Lm50 fis-sena baqa' jiddekorri sakemm ghamel dik il-korrezzjoni;

Bl-ispejjez, kompriza ittra interpellatorja tat-23 ta' Marzu,2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini tal-kompetenza jigi dikjarat li l-ammont tac-cedola huwa Lm1000.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Primarjament u in linea preliminari n-nullita' ta' l-avviz odjern u dana stante illi fuq l-istess meritu u fl-istess ismijiet premessi gia kien intavolat avviz/talba fl-ismijiet "Schembri Gregory noe vs Anthony Azzopardi" (Avviz nru 700/00PS) liema avviz mar Sine Die u ma giex segwit minn l-attur, u dana minghajr ma' thallsu d-drittijiet u spejjez tar-registru lill-eccipjent. Ghalhekk in vista tal-art 907(2) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta, jsegwi li l-avviz odjern huwa null.

2. Illi fil-mertu t-talbiet ghandhom jigu michuda u dan ghaliex ghal finijiet ta' fidi ta' cens, l-ewwel cedola depozitata mill-eccipjent hija valida.

3. Salvi ezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut qieghed iqajjem ostakolu ghall-avviz odjern fis-sens li dana huwa null peress illi l-attur kien intavola kawza ohra li marret Sine Die liema kawza ma thallsux id-drittijiet u spejjez a tenur ta' l-Artikolu 907 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ordnat l-allegazzjoni ta' kopji ta' l-avviz in kwistjoni minn fejn irrizulta illi nghatat decizzjoni mit-*Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar* fis-17 ta' Novembru 2000 liema Tribunal iddikjara ruhu nkompetenti *ratione valoris* u ddifferixxa l-kawza *Sine Die, w*ara illi gie moghti terminu lill-istess konvenut sabiex jipproponi azzjoni ghal dikjarazzjoni dwar il-validita' o meno tac-cedola meritu tal-kawza. Ma rrizultax mill-atti jekk din il-kawza gietx prezentata jew le.

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu kkwotat mill-konvenut ighid testwalment *"il-parti li tirrinunzja ghall-atti ghandha thallas l-ispejjez tal-kawza u hija ma tistax tibda kawza ohra ghall-istess haga, qabel ma tkun fil-fatt hallset dawk l-ispejjez lil parti l-ohra."* Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-artikolu 907(1) li jghid li rrinunzja ggib l-istess effetti tad-dezerzjoni.

Minn ezami ta' dawn l-artikoli jidher car illi s-sanzjoni tal-hlas jidhol *in vigore* darba jkun hemm ir-rinunzja jew inkella kawza ssir dezerta. F'dan il-kaz, is-sentenza li kienet baghtet il-kawza msemmija *Sine Die* nghatat fis-17 ta' Novembru 2000. Din il-

kawza giet ipprezentata fil-11 ta’ Dicembru 2000 fejn allura t-terminu ghad-dezerzjoni kien ghadu ghaddej u l-atturi ma kienux ghalhekk obbligati illi jhallsu l-ispejjez ta’ l-ewwel kawza peress li dina la kienet rinunzjata u lanqas kienet ghadha marret dezerta. Ghalhekk  il-Qorti jidhrilha illi ma hemm xejn null f’din il-kawza u l-Qorti tista tghaddi biex tikkonsidra l-meritu.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza ddur fuq ic-Cedola ta’ Depozitu numru 1438/1993 pprezentata mill-konvenut fil-konfront ta’ diversi sidien, fosthom l-attur nomine. Din ic-Cedola kienet ghal fini tal-fidi ta’ cens u jidher li kien hemm xi zbalji fiha u giet ikkoreguta b’nota tal-25 ta’ Frar 2000. Peress illi l-attur nomine kien jircievi hlas ta’ cens ta’ hamsin lira (Lm50.00) fis-sena, wara li saret din ic-cedola ma rceviex aktar ic-cens u ghalhekk qed jitlob il-hlas minghand il-konvenut ta’ l-arretrati ta’ cens sakemm ircieva l-flus tac-cedola, quindi l-attur nomine qed jitlob dikjarazzjoni minghand il-Qorti li c-cedola msemmija hija zbaljata fil-konfront ta’ l-istanti.

Irrizulta mill-provi li c-cedola numru 1438/93 giet ipprezentata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Jannar 1994 fl-ismijiet Anthony Azzopardi impjegat mad-Drydocks, iben Joseph u Roza imwieled u joqghod Had-Dingli vs Gregory Schembri ghan-nom u fl-interess ta’ Siggiewi Construction Company Limited u Francis Calleja mwieled u joqghod tas-Sliema.

L-istess Anthony Azzopardi konvenut fil-kawza odjerna pprevalixxa ruhu mill-fakulta moghtija lilu bl-artikolu 1501 tal-Kodici Civili biex jifdi c-cens gravanti korp ta' bini li f'dak iz-zmien kien ghadu fi stat ta' kostruzzjoni, konsistenti f'kantina u zewg flats minghajr numru u li jinsabu fi triq li minn Naxxar taghti ghal Gharghur.

F'din ic-cedola gie dikjarat li c-cens gravanti l-imsemmi mmobbli li kien qed jinfeda, kien ta' hamsin lira (Lm50.00) li jithallsu nkwantu ghal erbghin lira (Lm40.00) lil Gregory Schembri nomine u inkwantu ghal ghaxar liri (Lm10.00) lill-intimat l-iehor Francis Calleja. Dan ic-cens ta' hamsin lira (Lm50.00) kapitalizzat bil-hamsa fil-mija (5%) jammonta ghal elf lira (Lm1,000) liema ammont ta' fidi kellu jinghata nkwantu ghal tminn mitt lira (Lm800.00) lil Gregory Schembri nomine u mitejn lira (Lm200.00) lil Francis Calleja.

B'nota korrettorja pprezentata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili mill-istess konvenut Anthony Azzopardi fid-29 ta' Frar 2000, saret korrezzjoni fis-sens li l-ammont rapprezentanti l-fidi tac-cens jinghata inkwantu ghal tminn mitt lira (Lm800.00) lil Siggiewi Construction Company Limited, mitt lira (Lm100.00) lil Felicity Calleja, hamsin lira (Lm50.00) lil Licari Estates Limited u r-rimanenti ammont ta' hamsin lira (Lm50.00) lil Georgina u Giovanna ahwa Saydon. Fil-fatt dawn ta' l-ahhar tlett ammonti gew zbankati f'Marzu, 2000, filwaqt li t-tminn mitt lira (Lm800.00) depozitati biex jittiehdu minn Siggiewi Construction Company Limited gew zbankati fis-7 ta' Marzu,2000 (fol 73).

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat ta' dawn il-fatti jidher car quindi li fil-konfront tal-konvenut ghan-nom u fl-interess tas-Siggiewi Construction Company Limited, ic-cedola numru 1438/1993 ma kienetx zbaljata. L-ammont dovut lis-socjeta' kien ta' tminn mitt lira (Lm800.00) u dana gie korrettement indikat mill-bidu nett. Kien hemm xi zbalji f'din ic-cedola liema zbalji pero' ma kienux fil-konfront tas-socjeta' attrici, izda fil-konfront ta' terzi u ghalhekk legalment ma kien hemm l-ebda ostakolu ghall-attur nomine sabiex jirtira dawn l-ammonti.

Dana gie konfermat ukoll minn Vincent Attard li jiehu hsieb l-izbanki u s-subbasti li jkun hemm minn gurnata ghall-ohra fil-Qorti. Fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2001 Vincent Attard ighid car u tond illi *"l-effetti ta' fidi ta' cens fil-konfront tas-Sur Schembri kienu regolari mill-ewwel cedola….Kienet id-decizzjoni tas-Sur Schembri li ma jigbidx dawn it-tminn mitt lira (Lm800.00) u ta hadd aktar."* Veru illi fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2001 Vincent Attard donnu kellu xi ripensament peress illi jghid illi meta nduna illi kien hemm xi zbalji fis-sens illi kien hemm nies mhux indikati illi kienu dovuti  c-cens, allura huwa ma rrilaxxjax flus (fol 82).

Hi xhinhi din id-decizzjoni ta' Vincent Attard  ma tbiddilx il-posizzjoni legali fil-konfront tas-socjeta' attrici, liema posizzjoni baqghet dejjem regolari mill-bidu nett u cioe' kontrarjament ghal

dak illi gie allegat fl-avviz ma kien hemm xejn hazin f'din ic-cedola fil-konfront tas-socjeta' attrici, quindi l-iskop ta' din ic-cedola fil-konfront ta' l-istess socjeta' setgha facilment intlahaq mill-bidu nett tal-prezentata ta' din ic-cedola u ma kellhiex ghalfejn tistenna n-nota korrettorja tal-25 ta' Frar 2000.

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax certa element ta' traskuragni minn naha ta' l-attur stess meta jghid illi nesa din ic-cedola peress illi ma semgha xejn minnha wara li kellem lis-Sur Attard. Il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' l-attur moghtija fil-31 ta' Ottubru,2001 a fol 83. Fl-istess seduta l-attur ighid illi kienet id-decizzjoni tas-Sur Attard illi ma jigbidx il-flus u huwa ma setgha jaghmel xejn. Bir-rispett il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konkluzzjoni illi ghamel l-attur. L-attur setgha ha l-pariri legali opportuni sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu. Dana ma ghamlux, quindi l-Qorti ma tistax tissana din it-traskuragni da parti ta' l-attur billi takkordalu xi drittijiet illi huwa ma jimmeritax.

Kif gia nghad, fic-cedola msemmija ma kien hemm xejn hazin fil-konfront tas-socjeta' attrici u ghalhekk legalment l-attur ghan-nom ta' l-istess socjeta' setgha liberament jizbanka l-flus depozitati minghajr xkiel ta' xejn. Jekk kien hemm xi ufficjal illi setgha ghamillu xi xkiel, allura l-attur nomine messu ha l-pariri opportuni sabiex jissupera dan ix-xkiel, izda zgur ma jistax ighid illi fil-konfront tieghu dik ic-cedola ma kienetx regolari.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attur nomine, bl-ispejjez kontra tieghu.

Anthony Zammit
Dep Reg